MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 11/2007

**Talba Nru: 11/07PBC**

**John Mary Sammut (ID344836M) f'ismu personali u ghan-nom tad-Ditta Jimmy Auto Dealer**

**Vs**

**Emanuel Buttigieg (ID695557M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u hamsin lira

Maltin (Lm550) rapprezentanti hdax-il kambjala ffirmata mill-konvenut, innumerati 4 sa 14 inklusivi, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut, stante xiri u akkwist ta' vettura MG Metro u li kopja taghhom qeghdin jigu hawn annessi bhala dokumenti JMS1 sa JMS4 fejn kull kambjala hija ta' hamsin lira Maltin (Lm50) oltre l-imghax legali mid-data ta' kull kambjala, liema ammont inkluz l-imghax legali, pretiz mill-attur ma jeccedix l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat kawtelatorju mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet hawn fuq premessi bin-numru 3262/06 datat 30 ta' Novembru, 2006.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi preliminarjament l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 4542 tal-Kodici Kummercjali u / jew Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju il-pretenzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-eccipjent m'huwiex debitur fil-konfront ta' l-attur nomine. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' John Mary Sammut u ta' Christopher Sammut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-11 t'April, 1994 l-attur, li jahdem bhala *auto dealer*, biegh lill-konvenut il-vettura MG Mini Metro versu l-prezz ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) li minnhom elf lira Maltin (Lm1,000) thallsu mal-konsenja tal-vettura u l-bilanc ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) kellhom jithallsu permezz ta' pagamenti ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar kif soggett ghall-interessi ta' tmienja fil-mija (8%). Meta sar il-ftehim, il-konvenut iffirma numru ta' kambjalijiet.

Fil-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-import tal-kambjalijiet minn numru

erbgha (4) sa numru erbatax (14) li skadew bejn il-11 t'Awissu, 1994 u l-11 ta' Gunju, 1995 u cjoe' hdax-il kambjala li kull wahda ghandha *face value* ta' hamsin lira Maltin (Lm50) biex b'hekk jigi total ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) oltre l-interessi.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-konvenut hallas l-ewwel kambjala fil-11 ta' Mejju, 1994 jigifieri ezattament kif pattwit u inoltre, fil-11 t'April, 1995 sar pagament ta' mitt lira Maltin (Lm100), fil-31 ta' Mejju, 1995 sar pagament iehor ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120), fil-25 ta' Mejju, 1996 sar pagament ta' mitt lira Maltin (Lm100), fit-22 ta' Lulju, 2002 sar pagament ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u fis-16 ta' Settembru, 2002 sar pagament iehor ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

Stante illi l-attur dahal fil-mertu l-iskrittura li abbazi tiegha nhargu l-kambjalijiet, biex jinhadem sew l-ammont verament dovut, ikollu jsir kalkolu ta' kemm verament mis-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) huwa dovut illum il-gurnata tenut kont l-imsemmija pagamenti u l-fatt li l-partijiet ftehmu illi mill-11 t'April, 1994 jibda jiddekorri imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Ghal dan il-fini dan it-Tribunal hejja prospett.

| Date Paid | Amount Due | Amount Paid | Interest todate | Balance Capital | Balance Interests |
|---|---|---|---|---|---|
| **11/04/1994** | **800.00** | | | **800.00** | **0** |
| **11/05/1994** | | **50.00** | **5.26** | **755.26** | **0** |
| **11/04/1995** | | **100.00** | **55.45** | **710.72** | **0** |
| **31/05/1995** | | **120.00** | **7.79** | **598.50** | **0** |
| **25/05/1996** | | **100.00** | **47.22** | **545.73** | **0** |
| **22/07/200** | | **50.00** | **269.01** | **545.73** | **219** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | | | | | |
| **16/09/2002** | | **50.00** | **6.70** | **545.73** | **175.70** |

Illi in vista tal-fatt illi l-ahhar pagament sar fis-16 ta' Settembru, 2002 u skond ix-xhieda ta' Christopher Sammut jirrizulta illi l-konvenut ammetta diversi drabi li huwa ghandu jhallas u sahansitra meta sar il-pagament fis-16 ta' Settembru, 2002 huwa ghamel dan il-hlas bhala pagament akkont u ghalhekk sa dakinhar il-konvenut kien qed jammetti li ghandu jhallas u jirrizulta wkoll li anki recentement fil-mori ta' dawn il-proceduri ghamel offerta ta' hlas lill-attur fl-ammont ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650), tali affermazzjonijiet jinterrompu l-preskrizzjoni u certament, mill-ahhar dikjarazzjoni m'ghaddhiex it-terminu kontemplat fl-artikoli citati mill-konvenut. Konsegwentement l-eccezzjonijiet imsemmija tal-preskrizzjoni qeghdin jigu michuda.

Fuq il-mertu jirrizulta li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u dan billi mill-kalkolu fuq ghalkemm mhux fl-ammont mitlub izda fl-ammont ridott kif likwidat minn dan it-Tribunal. L-ammont bilancjali dovut fuq il-kambjalijiet huwa ta' hames mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm545.73c) u sas-16 ta' Settembru, 2002 kien hemm bilanc fuq l-interessi ammontanti ghal mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm175.70c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut komprizi dawk tal-preskrizzjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm545.73c) bhala sorte kif ukoll is-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm175.70c) bhala imghax fuq is-sorte sas-6 ta' Settembru, 2002 u inoltre ghandu jhallas l-interessi fuq is-sorte mis-17 ta' Settembru, 2002 'il quddiem. L-ispejjez huma kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------